MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1311/2003

Kawza fil-lista: 20

**E F**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u l-Prokuratrici Legali Luisa Tufigno kuraturi nominati biex jirrapprezentaw lill-assenti G F b' digriet tat-12 ta' April 2004**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta' April 2001, minn liema zwieg kellhom tifel H F ta' sena.

Premess illi l-konvenut rrenda ruhu hati fil-konfront tal-attrici ta' vjolenza, mohqrija, abbandun, eccessi w ingurji gravi b' mod li llum bejn il-kontendenti tirrizulta inkompatibilita' ta' karattru tant li l-istess zwieg tkisser b' mod irrimedjabbli.

Premess illi b' digriet moghti fit-28 ta' Awissu 2003, is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-konvenut.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba vjolenza, mohqrija, abbandun, eccessi u ingurji gravi u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b' mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u tiddikjara li l-konvenut m' ghandu ebda dritt fuq l-istess akkwisti;

3. Tordna lill-konvenut jissomministra dik ir-retta alimentari hekk stabbilita mill-Qorti u dan taht dawk il-modalitajiet specifikati mill-istess Qorti;

4. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri H f' idejn l-attrici, bi dritt ta' access taht is-supervizjoni lill-konvenut;

5. Tordna l-konvenut jivvaka mill-fond <<<<<indirizz>>>>>, liema fond ghandu jibqa' abitat esklussivament mill-attrici u binha;

6. Tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha ta' l-Artikoli 48 u 50 tal-Kaptiolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi l-eccipjenti m’ humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Illi l-attrici Sabrina F ghandha tigi ordnata tipprovdi l-indirizz ta’ zewgha, jekk ghandha, sabiex l-esponenti bhala kuraturi jkunu jistghu jikkomunikaw mieghu dwar il-kontenut tat-talbiet attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Joseph Sammut;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali minn ma zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvneut fit-termini ta’ l-Artikoli 40 u 41 Kap.16.

Illi mill-provi rrizulta li l-partijiet, li huma ta’ nazzjonalita’ Nigerjana, izzewwgu fis-17 ta’ April 2001. Minn dan iz-zwieg twieled tifel bl-isem H fil-25 ta’ Awissu 2002. Meta zzewget, l-attrici kienet armla b’ zewgt it-tfal mill-ewwel ragel taghha.

Mill-provi jirrizulta manifest, u mhux kontradett, komportament abusiv, vjolenti u umiljanti da parti ta’ l-assenti fil-konfront ta’ martu, b’ mod li dan irrenda ruhhu hati ta’ sevizzi u mohqrija fil-konfront tieghu. Illi wara diversi litigji li fihom l-attrici sofriet vjolenza fizika, l-assenti telaq mid-dar u ma regghax irriotrna, tant li sallum il-gurnata l-attrici ma tafx fejn qieghed.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba sevizzi u mohqrija, kif ukoll abbandun minghajr raguni valida fil-ligi ghal aktar minn sentejn, u ghal dan huwa responsabbli unikament l-assenti.

**Kura u Kustodja**

Illi jirrizulta car li, ghal gid tal-minuri, li l-attrici ghandha tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri H; bid-dritt ta' access ghal missier, li l-modalita' tieghu jigu stabbiliti wara rikors appozitu mill-assenti.

**Manteniment**

F' dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni tal-perit legali u taddottahom fl-intier taghhom; b' hekk l-assenti bhala l-persuna unikament responsabbli ghas-separazzjoni ghandu jigi obbligat ihallas lil martu s-somma ta' LM60 fix-xahar bhala manteniment ghal minuri H. Ghandu jigi versat manteniment lill-attrici fil-kaz li din tieqaf tahdem, li l-ammont tieghu jigi stabbilit wara rikors appositu.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi, tenut kont tal-fatt li l-assenti matul il-konvivenza tieghu ma' l-attrici halla biss dejn li ghalih kellha taghmel tajjeb l-istess attrici, u tenut kont tal-fatt li l-assi tal-komunjoni gew akkwistati principalment, jekk mhux esklussivament, bil-hidma u xoghol ta' l-attrici li kellha tlahhaq ukoll mal-bzonnijiet tat-tfal taghha;  kif ukoll tenut kont ta' l-atteggjament insensittiv, abusiv u aggressiv da parti tieghu fil-konfront ta' martu inkluz l-abbandun fih innifsu, il-Qorti b' applikazzjon tal-paragrafu [b] ta' l-Artikolu 48, tiddikjara li l-assenti tilef kull dritt fuq l-istess, u  tordna li l-assi kollha tal-komunjoni jigu assenjati lill-attrici, inkluz il-fond numru <<<<<indirizz>>>>>li xtrat l-attrici fil-mori ta' dawn il-proceduri ferma wara li l-assenti kien abbanduna ghal kollox il-familja tieghu.  Jigi rilevat li dan il-fond inxtara mill-attrici fis-16 ta' Dicembru 2004, frott tax-xoghol taghha u ghalhekk huwa gust u ekwu li sehem l-assenti minn dan il-fond, akkwistat minnu *ope legis* [u xejn aktar], jigi assenjat lill-istess attrici li minn naha tagha ghandha tassumi d-dejn kollu gravanti l-istess fond.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal-tortijiet unikament attribwibbli lill-assenti;

[2] tafda lill-attrici l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri H; bid-dritt ta’ access ghal missier, li l-modalita’ tieghu jigu stabbiliti wara rikors appozitu mill-assenti;

[3] tordna lill-assenti jhallas lill-attrici, *rebus sic stantibus*, is-somma mensili ta’ Lm60 bhala manteniment ghal minuri H, li ghanhda tithallas premezz ta’ cheque fir-residenza taghha; u tafferma d-dritt ta’ l-attrici li titlob manteniment minghand l-assenti kemm il-darba din ma tkunx qed taghmel xoghol bi qligh adegwat;

[4] tapplika in toto fil-konfront ta’ l-assenti d-dispost ta’ l-Artikolu 48 u 51 tal-Kap.16;

[5] tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’ effett mid-data ta’ din is-sentenza, u tiddikjara li l-assenti tilef kull dritt fuq l-assi tal-komunjoni fit-termini ta’ l-Artikolu 48[b], u tassenja lill-attrici l-assi kollha tal-komunjoni inkluz s-sehem ta’ l-assenti. B’ hekk sehem l-assenti ta’ nofs indiviz, akkwistat minnu *ope legis*, mill-fond <<<<<indirizz>>>>> qed jigi assenjat lill-attrici, biex b’ hekk il-fond kollu jkun proprjeta’ esklussiva taghha. Minn naha taghha d-djun kollha tal-komunjoni, inkluz id-dejn gravanti l-istess fond, ghandhom jigu assunti mill-attrici;

[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba numru hamsa, stante li l-attrici ttraskolat mill-fond hemm indikat;

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-assenti, izda dawk relattivi ghal kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------